

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Lulju 2020 – Deutsche Kreditbank vs SRB**(Kawża T-419/20)**

(2020/C 279/69)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet**

Rikorrenti: Deutsche Kreditbank AG (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Berger u K. Helle, avukati)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni tal-15 ta' April 2020 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* dovuti għas-sena 2020 lill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB/ES/2020/24), inklużi l-annessi tagħha, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata, inklużi l-Anness I u l-Anness II tagħha, jikkonċernaw il-kontribuzzjoni dovuta mir-rikorrenti;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors huwa bbażat fuq disa' motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għall-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-seba', it-tmien, id-disa', l-għaxar u l-ħdax-il motiv invokati fil-Kawża T-405/20, DZ Hyp vs SRB.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2020 – Portigon vs SRB**(Kawża T-424/20)**

(2020/C 279/70)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet**

Rikorrenti: Portigon AG (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Bliesener, V. Jungkind u F. Geber, avukati)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-konvenut tal-15 ta' April 2020 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-2020 għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB/ESF/2020/24), sa fejn tikkonċerna lir-rikorrenti;

- tissospendi l-proċedura, skont l-Artikolu 69(c) u (d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, sakemm tingħata deċiżjoni definittiva fil-Kawżi T-420/17, T-413/18, T-481/19 u T-339/20 jew sakemm dawn il-kawżi jingħalqu b'xi mod ieħor;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka seba' motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għall-ewwel, għat-tieni, għat-tielet, għall-ħames, għas-sitt, għas-seba' u għat-tmien motiv invokati fil-kuntest tal-Kawża T-339/20, Portigon vs SRB.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2020 – Techniplan vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-426/20)

(2020/C 279/71)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Techniplan Srl (Roma, l-Italja) (rappreżentanti: R. Giuffrida u A. Bonavita, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tivverifika u tiddikjara:

- il-ksur tal-Artikolu 263 TFUE mill-Kummissjoni Ewropea, billi kisret ir-rekwiżiti formali essenzjali previsti għall-ħruġ ta' att li jolqot direttament u individwalment, f'dan il-każ lil Techniplan, billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-ittra ta' kontestazzjoni tal-pre-informazzjoni u lanqas l-ittra formali ta' intimazzjoni skont l-Artikolu 265 TFUE;
- tipprovdi għal somma li għandha titħallas bħala kumpens għad-dannu għal kull jum ta' dewmien fl-eżekuzzjoni, li tinkludi l-ispejjeż, id-drittijiet u l-onorarji.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors odjern huwa dirett kontra d-deċiżjoni u n-nota ta' debitu kontestwali tat-28 ta' Mejju 2020, maħruġa kontra Techniplan s.r.l., li biha intalab il-ħlas ta' EUR 107 505,66, inkonnessjoni mal-proġett FED/2011/261-985.

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka l-ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' trasparenza, kif ukoll il-ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali. F'dan ir-rigward, issostni:

- li r-rapport finali ta' verifika redatt minn kumpannija privata kien juri serje ta' diverġenzi u irregolaritajiet fl-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet li ġew ribatturi fil-pront mill-kumpannija rikorrenti, li juru numru ta' ineżattezzi serji inklużi f'dan ir-rapport ta' verifika.
- li l-kumpannija rikorrenti pproduċiet id-dikjarazzjonijiet tal-esperti kollha involuti fil-proġett, li ġew prodotti quddiem il-qorti tal-Kongo, li juru l-preżenza effettiva tagħhom fuq il-postijiet tax-xogħol.
- li l-esperti kienu ġew irrekultati b'mod regolali u mħaddma minn Techniplan fl-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet previsti mill-kuntratt.
- li l-kumpannija rikorrenti ġiet eskluża mill-eżekuzzjoni tal-kuntratt mingħajr ebda raġuni.
- li l-ħlasijiet ġew ibblokkati mingħajr ma ġew ipprovduti raġunijiet speċifiċi.